A.L. 227 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2007 dwar Ikel Ipproċessat b'bażi ta' Ċereali u Ikel ieħor għat-Trabi u għat-Tfal Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar Ikel Ipproċessat b'bażi ta' ċereali u Ikel ieħor għat-Trabi u għat-Tfal Żgħar, 2007.

Applikabilità ta' dawn ir-regolamenti.

2. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal oġġetti ta' l-ikel għal użu nutrittiv partikolari li jissodisfaw il-ħtiġiet partikolari ta' trabi u tfal żgħar f'saħħithom u li huma maħsubin biex jintużaw minn trabi meta jkunu qed jinfatmu u minn tfal żgħar bħala suppliment għad-dieta tagħhom u, jew biex jadattaw ruħhom progressivament għal ikel ordinarju. Dawn jinkludu:

(a) "Ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali" li hu maqsum fl-erba' kategoriji li ġejjin:

(i) ċereali sempliċi li jkunu jew li għandhom ikunu rikostitwiti bil-ħalib jew b'likwidi nutrittivi adatti oħra;

(ii) ċereali li jkollhom magħhom ikel b'ħafna proteini li jkunu jew għandhom ikunu rikostitwit bl-ilma jew b'likwidu ħieles mill-proteini;

(iii) għaġin li għandu jintuża wara li jissajjar f'miżun jagħli jew f'likwidi adatti oħra;

(iv) qriemeċ u gallettini li għandhom jintużaw jew direttament jew, wara li jintaħnu, biż-żjieda ta' ilma, ħalib jew likwidi adatti oħra.

(b) "Ikel tat-trabi" minbarra ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali.

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ħalibijiet maħsubin għal tfal żgħar.

Tifsir.

3. Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(a) "trabi" tfisser tfal taħt it-tnax-il xahar,

(b) "tfal żgħar" tfisser tfal ta' bejn is-sena u t-tliet snin,

(ċ) "fdal tal-pestiċidi" tfisser dak li jifdal f'ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi minn prodott li jħares il-pjanti kif definit fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (OJ L230, 19.8.1991, p.1), inklużi l-metaboliti tiegħu u prodotti li joħorġu mid-degradazzjoni jew reazzjoni tiegħu.

Bejgħ ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u tfal żgħar.

4. Ebda persuna m'għandha timporta, iżżomm jew tbiegħ xi ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali jew xi ikel tat-trabi ieħor maħsub għal trabi u tfal żgħar li ma jkunx konformi mal-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Kriterji ta' kompożizzjoni.

5. (1) Ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali għandu jkun konformi mal-kriterji ta' kompożizzjoni speifikati fl-Ewwel Skeda.

(2) Ikel tat-trabi li huwa deskritt fit-Tieni Skeda għandu jkun konformi mal-kriterji ta' kompożizzjoni li hemm speċifikati fiha.

Manifattura ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u tfal żgħar.

6. (1) Ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi għandu jkun manifatturat minn ingredjenti li jkun ġie stabbilit kemm kienu adatti għal użu nutrittiv partikolari minn trabi u tfal żgħar minn informazzjoni xjentifika komunement aċċettata.

(2) Huma biss is-sustanzi nutrittivi elenkati fir-Raba' Skeda li jistgħu jiżdiedu fil-manifattura ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi.

(3) Ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi m'għandux ikollu ammont ta' xi sustanza li l-kwantità tagħha tista' tkun ta' periklu għas-saħħa tat-trabi u tfal żgħar.

(4) Ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel għat-trabi ma għandux ikollu fih residwi ta' pestiċidi individwali f'livelli ogħla minn 0.01 mg/kg, ħlief għal dawk is-sustanzi li dwarhom ikunu ġew stabbiliti livelli speċifiċi fis-Sitt Skeda, f'liema każ għandhom japplikaw dawk

il-livelli speċifiċi. Metodi analitiċi biex jiddeterminaw il-livelli ta' fdalijiet ta' pestiċidi għandhom ikunu metodi standardiżżati aċċettabbli komunement.

(5) Dawk il-pestiċidi msemmija fis-Seba' Skeda ma għandhomx jintużaw fi prodotti agrikoli intiżi għall-produzzjoni ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċerejali u ikel għat-trabi.

Madanakollu, għall-iskop ta' kontroll:

(a) pestiċidi msemmija f' Tabella I tas-Seba' Skeda jitqiesu li ma ġewx użati jekk ir-residwi tagħhom ma jaqbżux livell ta' 0.003 mg/kg;

(b) pestiċidi msemmija f'Tabella II tas-Seba' Skeda jitqiesu li ma ġewx użati jekk ir-residwi tagħhom ma jaqbżux livell ta' 0.003 mg/kg.

(6) Il-livelli msemmija f'paragrafi 6(4) u 6(5) għandhom japplikaw għall-prodotti kif proposti lesti għall-konsum jew skond kif rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifatturi.

Twaħħil ta' tikketti fuq ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi maħsub għat-trabi u tfal żgħar.

7. (1) It-tikketti fuq il-prodotti msemmija għandu jkollhom fuqhom, minbarra l-partikolaritajiet li hemm provdut dwarhom fir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, il-partikolaritajiet mandatarji li ġejjin, bil-Malti, bl-Ingliż jew bit-Taljan:

(a) dikjarazzjoni dwar l-età adatta minn meta l-prodott jista' jibda jittieħed, b'konsiderazzjoni tal-kompożizzjoni, tessut u proprjetajiet partikolari oħra. L-età dikjarata m'għandhiex tkun inqas minn erba' xhur għal kull prodott. Prodotti rakkomandati biex jibdew jittieħdu mill-età ta' erba' xhur jistgħu jindikaw li dawn ikunu adatti minn dik l-età kemm-il darba persuna indipendenti kwalifikata fil-mediċina, nutriment jew farmaċija, jew professjonisti oħra responsabbli għall-kura ta' l-ommijiet u tat-tfal, ma jagħtux parir mod ieħor;

(b) informazzjoni fuq il-preżenza jew l-assenza ta' glutina jekk l-età indikata li minnha il-prodott jista' jittieħed tkun taħt is-sitt xhur;

(ċ) il-valur ta' enerġija disponibbli espress bħala kJ jew kcal, u l-proteina, karboidrati u kontenut lipidu, espressi f'forma numerika, kull 100 g jew 100 ml tal-prodott kif mibjugħ u, fejn

ikun adatt, kull kwantità speċifikata tal-prodott kif propost għall-konsum;

(d) il-kwantità medja ta' kull sustanza minerali u ta' kull vitamina regolata b'livell speifiku fl-Ewwel u t-Tieni Skedi rispettivament, espressi f'forma numerika, kull 100 g jew 100 ml tal-prodott kif mibjugħ u, meta jkun adatt, kull kwantità speċifikata tal-prodott kif propost għall-konsum;

(e) istruzzjonijiet għal preparazzjoni adatta, meta jkun meħtieġ, u dikjarazzjoni dwar l-importanza li persuna jimxi ma' dawk l-istruzzjonijiet.

(2) It-tikketta jista' jkollha fuqha:

(a) il-kwantità medja tan-nutrienti mniżżlin fir-Raba' Skeda meta dik id-dikjarazzjoni ma tkunx koperta bid-disposizzjonijiet tal-paragrafu 7(1)(d), espressa f'forma numerika, kull 100 g jew 100 ml tal-prodott kif mibjugħ u, meta jkun adatt, kull kwantità speċifikata tal-prodott kif propost għall-konsum;

(b) b'żjieda ma' l-informazzjoni numerika, informazzjoni fuq vitamini u minerali murija fil-Ħames Skeda, espressa bħala perċentwali tal-valuri ta' referenza mogħtijin hemmhekk, kull 100 g jew 100 ml tal-prodott kif mibjugħ u, meta jkun adatt, kull kwantità speċifikata tal-prodott kif propost għall-konsum, sakemm il-kwantitajiet preżenti għall-inqas ikunu ugwali għal 15% tal-valuri ta' referenza.

Thassir ta' A.L. 207 ta' l-2002.

8. Ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar Ikel Ipproċessat ibbażat fuq ċereali u Ikel ieħor għat-Trabi u għat-Tfal Żgħar, huma b'dawn imħassrin u kull referenza għal dawk ir-regolamenti għandha tiftiehem bħala referenza għal dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

Kompożizzjoni Essenzjali ta' Ikel Ipproċessat ibbażat fuq Ċereali għat-Trabi u Tfal Żgħar

Dawn il-ħtiġiet dwar nutrijenti jirreferu għall-prodotti lesti għall-użu mqegħdin fis-suq bħala tali jew rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

L. KONTENUT TA' ĊEREALI

Ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali li jiġi preparat primarjament minn waħda jew aktar ċereali mitħunin u/jew prodotti b'għeruq li jkun fihom il-lamtu.

L-ammont ta' ċereali u/jew għeruq li jkun fihom il-lamtu ma għandux ikun inqas minn 25% tat-taħlita finali mkejla skond piż niexef.

2. PROTEINA

2.1 Fil-każ ta' prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(ii) u (iv), il-kontenut ta' proteina ma għandux jaqbeż 1.3 g/100 kJ (5.5 g/100 kcal).

2.2 Fil-każ ta' prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(ii), il-proteina miżjuda m' għandhiex tkun inqas minn 0.48 g/100 kJ (2 g/ 100 kcal).

2.3 Fil-każ ta' gallettini msemmija fir-regolament 2(1)(a)(iv), maħdumin b'żieda ta' ikel li fih livell għoli ta' proteina, u ippreżentati bħala tali, il-proteina miżjuda ma għandhiex tkun inqas minn 0.36 g/100 kJ (l.5 g/100 kcal).

2.4 L-indiċi kimiku tal-proteina miżjuda għandu jkun mill-anqas daqs 80% ta' dak tal-proteina li ssir referenza dwarha (kaseina kif definita fit-Tielet Skeda), jew il-proporzjon ta' enerġija ta' proteina (PER) tal-proteina fit-taħlita għandu jkun mill-anqas daqs 70% ta' dak tal-proteina li għaliha ssir referenza. F'kull każ, iż-żjieda ta' aċidi aminiċi hi permessa biss biex ittejjeb il-valur nutrittiv tat-taħlita tal-proteina, u biss f'kull proporzjon meħtieġ għal dak l-iskop.

3. KARBOIDRATI

3.1 Jekk zokkor tal-kannamieli, zokkor tal-meraq tal-frott, u zokkor simili, glukożju, xropp tal-glukożju jew għasel jiżdiedu mal-prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(i) u (iv):

- l-ammont ta' karboidrati miżjuda minn dawn is-sorsi ma għandux jaqbeż 1.8 g/100 kJ (7.5 g/100 kcal),

- l-ammont ta' zokkor tal-meraq tal-frott u zokkor simili miżjud ma għandux jaqbeż 0.9 g/100 kJ (3.75 g/100 kcal).

3.2 Jekk iz-zokkor tal-kannamieli, zokkor tal-meraq tal-frott, u zokkor simili, xropp tal-glukożju jew għasel jiżdiedu mal-prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(ii):

- l-ammont ta' karboidrati miżjuda minn dawn l-għejun ma għandux jaqbeż 1.2 g/100 kJ (5 g/100 kcal),

- l-ammont ta' zokkor tal-meraq tal-frott u zokkor simili miżjud ma għandux jaqbeż 0.6 g/100 kJ (2.5 g/100 kcal).

4. LIPIDI

4.1 Fil-każ ta' prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(i) u (a)(iv), il-kontenut ta' lipidi m' għandux jaqbeż 0.8 g/100 kJ (3.3 g/100 kcal).

4.2 Fil-każ ta' prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(ii), il-kontenut ta' lipidi m' għandux jaqbeż 1.1 g/100 kJ (4.5 g/100 kcal). Jekk il-kontenut ta' lipidi jaqbeż 0.8 g/100 kJ (3.3 g/100 kcal):

– l-ammont ta' aċidu lawriku m' għandux jaqbeż 15% tat-total tal-kontenut ta' lipidi;

– l-ammont ta' aċidu miristiku m' għandux jaqbeż 15% tat-total tal-kontenut ta' lipidi;

– l-ammont ta' aċidu linolejiku (f'forma ta' gliċeridi = linoleati) m'għandux ikun inqas minn 70 mg/100 kJ (300 mg/100 kcal) u ma għandux jaqbeż 285 mg/ 100 kJ (1,200 mg/ 100 kcal) .

5. MINERALI

5.1 Sodju

- mlieħ tas-sodju jistgħu jiżdiedu biss ma' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali għal skopijiet teknologiċi,

- il-kontenut ta' sodju ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali m'għandux jaqbeż 25 mg/100 kJ (100 mg/kcal).

5.2 Kalċju

5.2.1 Fil-każ ta' prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(ii), l-ammont ta' kalċju m'għandux ikun inqas minn 20 mg/100 kJ (80 mg/100 kcal).

5.2.2 Fil-każ ta' prodotti msemmija fir-regolament 2(1) (*a*)(iv), manifatturati biż-żieda ta' ħalib (gallettini tal-ħalib) u ppreżentati bħala tali, l-ammont ta' kalċju m'għandux ikun inqas minn 12 mg/100 kJ (50 mg/100 kcal).

6. VITAMINI

6.1 Fil-każ ta' ikel ipproċessat bażat fuq ċereali, l-ammont ta' tiamina m'għandux ikun inqas minn 25 µg/100 kJ (100 µg/100 kcal) .

6.2 Fil-każ ta' prodotti msemmija fir-regolament 2(1)(a)(ii):

	Kull 100 kJ		Kull 100 kcal	
	Minimum	Massimu	Minimum	Massimu
Vitamina A (µg RE)1	14	43	60	180
Vitamina D (µg)2	0.25	0.75	1	3
1 RE = l-ekwivalenti *trans* retinol kollha. 2 Fil-forma ta' kolekalċiferol, minn liema 10 µg = 400 i.u. ta' vitamina D.				

Dawn il-limiti huma applikabbli wkoll jekk jiżdiedu l-Vitamini A u D ma' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali oħra.

7. LIMITI MASSIMI GĦAL VITAMINI, MINERALI U ELEMENTI TA' TRAEĊI, JEKK DAWN JIŻDIEDU

Il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu man-nutrijenti jirreferu għall-prodotti lesti biex jintużaw, mqegħdin fis-suq bħala tali jew rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur, minbarra l-potassju u l-kalċju li fil-każ tagħhom jirreferu għall-prodott kif mibjugħ.

Nutrijent	Massimu għal kull 100 kcal
Vitamina A (µg RE)	180
Vitamina E (mg α-TE) ([1])	3
Vitamina D (µg)	3
Vitamina C (mg)	12,5/25 (2)
Tiamina (mg)	0,5
Riboflavin (mg)	0,4
Niaċin (mg NE)	4,5
Vitamin B6 (mg)	0,35
Aċidu foliku (µg)	50
Vitamin B12 (µg)	0,35
Aċidu Pantoteniku (mg)	1,5
Biotin (µg)	10
Potassju (mg)	160
Kalċju (mg)	80/180 ([4])/100 ([5])
Magnežju (mg)	40
Ħadid (mg)	3
Żingu (mg)	2
Ram (µg)	40
Jodju (µg)	35
Manganiż (mg)	0,6

(1) α-TE = d-α-tokoferol ekwivalenti.
(2) Limitu applikabli għal prodotti fortifikati bil-ħadid.
(3) NE = Niaċin ekwivalenti = mg aċidu tan-nikotina + mg triptofan/60.
(4) Limitu applikabli għal prodotti imsemmija f'paragrafi 2(1)(a)(i) u (ii).
(5) Limitu applikabli għal prodotti imsemmija f'paragrafi 2(1)(a)(iv).

IT-TIENI SKEDA

KOMPOŻIZZJONI ESSENZJALI TA' IKEL TAT-TRABI GĦAL TRABI U TFAL ŻGĦAR

Il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu ma' nutrijenti jirreferu għall-prodotti lesti għall-użu, mqegħdin fis-suq bħala tali jew rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

L. PROTEINA

1.1 Jekk l-ingredjenti msemmija fl-isem tal-prodott huma biss laħam, tjur, ħut, il-ġewwieni ta' annimali u sorsi tradizzjonali oħra ta' proteina, allura:

- il-laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u sorsi tradizzjonali oħra ta' proteina msemmija għandhom b'kollox jikkostitwixxu mhux inqas minn 40% skond il-piż tal-prodott kollu,

- kull laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u sorsi tradizzjonali oħra ta' proteina għandu jikkostitwixxi mhux inqas minn 25%, skond il-piż, tat-total ta' sorsi ta' proteini msemmija,

- it-total ta' proteini mis-sorsi imsemmija m'għandux ikun inqas minn 1.7 g/100 kJ (7 g/100 kcal).

1.2 Jekk laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u għejun tradizzjonali oħra ta' proteina, wieħed wieħed jew f'taħlita, jissemmew l-ewwel fl-isem tal-prodott, kemm jekk il-prodott ikun ippreżentat bħala ikla kemm jekk le, allura:

- il-laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u għejun tradizzjonali oħra ta' proteina msemmija għandhom b'kollox jikkostitwixxu mhux inqas minn 10%, skond il-piż, tal-prodott kollu,

- kull laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u għejun tradizzjonali oħra ta' proteina għandu jikkostitwixxi mhux inqas minn 25%, skond il-piż, tat-total ta' sorsi ta' proteini msemmija,

- il-proteina mis-sorsi imsemmija m'għandhiex tkun inqas minn 1 g/100 kJ (4 g/100 kcal).

1.3 Jekk kull laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u sorsi tradizzjonali oħra ta proteina, wieħed wieħed jew f'taħlita, jissemmew fl-isem tal-prodott, iżda ma jissemmewx l-ewwel, kemm jekk il-prodott jiġi ippreżentat bħala ikla kemm jekk le, allura:

- il-laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u sorsi tradizzjonali oħra ta' proteina msemmija b'kollox għandhom jikkostitwixxu mhux inqas minn 8%, skond il-piż, tal-prodott kollu,

- kull laħam, tjur, ħut, ġewwieni ta' annimali u sorsi tradizzjonali oħra ta' proteina għandu jikkostitwixxi mhux inqas minn 25%, skond il-piż, tat-total ta' sorsi ta' proteini msemmija,

- il-proteina mis-sorsi msemmija m'għandhiex tkun inqas minn 0.5 g/100 kJ (2.2 g/100 kcal),

- it-total ta’ proteina fil-prodott mis-sorsi kollha m’għandhiex tkun inqas minn 0.7 g/100 kJ (3 g/100 kcal).

1.4 Jekk jissemma l-ġobon flimkien ma’ ingredjenti oħra fl-isem ta’ prodott ta’ togħma tajba, kemm jekk il-prodott ikun ippreżantat bħala ikla kemm jekk le, allura:

- il-proteina minn sorsi ta’ ħalib m’għandhiex tkun inqas minn 0.5 g/100 kJ (2.2 g/100 Kcal),

- it-total ta’ proteina fil-prodott mis-sorsi kollha m’għandux ikun inqas minn 0.7 g/100 kJ (3 g/100 Kcal).

1.5 Jekk il-prodott hu deskritt fuq it-tikketta bħala ikla, imma laħam, tjur, ħut, il-ġewwieni ta’ annimali u sorsi tradizzjonali oħra ta’ proteina ma jissemmewx fl-isem tal-prodott, it-total ta’ proteina fil-prodott mis-sorsi kollha m’għandhux ikun inqas minn 0.7 g/100 kJ (3 g/100 kcal).

1.6 Zlazi ppreżentati bħala kontorn ma’ ikla huma eżenti mill-ħtiġiet tal-paragrafi 1.1 sa 1.6 inklużivi.

1.7 Ikliet ħelwin li jsemmu prodotti tal-ħalib bħala l-ewwel jew l-uniku ingredjent fl-isem għandu jkollhom mhux inqas minn 2.2 g proteina tal-ħalib/100 kcal. L-ikliet ħelwin l-oħra kollha huma eżenti mill-ħtiġiet imsemmija f’1.1 sa 1.5.

1.8 Iż-żjieda ta’ aċidi aminiċi hi permessa biss biex ittejjeb il-valur nutrittiv tal-proteina preżenti, u biss fil-proporzjonijiet meħtieġa għal dak l-iskop.

2. KARBOIDRATI

Il-kwantitajiet ta’ totali ta’ karboidrati preżenti f’meraq u nettari tal-frott u l-ħaxix, ikliet ta’ frott biss, u dežerti jew pudini m’għandhomx jaqbżu:

- 10 g/100 ml fil-każ ta’ meraq tal-ħaxix u xarbiet ibbażati fuqhom,

- 15 g/100 ml fil-każ ta’ meraq u nettari tal-frott u xarbiet ibbażati fuqhom,

- 20 g/100 g fil-każ ta’ ikliet ta’ frott biss,

- 25 g/100 g fil-każ ta’ dežerti u pudini,

- 5 g/100 g fil-każ ta’ xarbiet oħra mhux bażati fuq ħalib.

3. XAĦAM

3.1 Fil-każ ta’ prodotti li hemm referenza għalihom f’punt 1.1:

Jekk l-ingredjenti huma biss laħam jew ġobon jew jissemmew l-ewwel fl-isem tal-prodott, it-total ta' xaħam fil-prodott mis-sorsi kollha m'għandux jaqbeż il-1.4 g/100 kJ (6 g/100 kcal).

3.2 Fil-każ tal-prodotti l-oħra kollha, it-total ta' xaħam fil-prodott mis-sorsi kollha m'għandux jaqbeż il-1.1 g/100 kJ (4.5 g/100 kcal).

4. SODJU

4.1 Il-kontenut ta' sodju finali fil-prodott għandu jkun jew mhux aktar minn 48 mg/100 kJ (200 mg/100 kcal) jew mhux aktar minn 200 mg kull 100 g. Madankollu, jekk il-ġobon ikun l-uniku ingredjent imsemmi fl-isem tal-prodott, il-kontenut ta' sodju finali fil-prodott m'għandux ikun aktar minn 70 mg/100 kJ (300 mg/100 kcal).

4.2 Jistgħu ma jiżdidux mlieħ tas-sodju ma' prodotti bażati fuq frott, lanqas ma' dežerti, pudini ħlief għal skopijiet teknoloġiċi.

5. VITAMINI

Vitamina Ċ

F'meraq tal-frott, nettaru jew meraq tal-ħaxix, il-kontenut finali ta' Vitamina fil-prodott għandu jkun jew mhux inqas minn 6 mg/100 kJ (25 mg/100 kcal) jew mhux inqas minn mg kull 100g.

Vitamina A

F'meraq tal-ħaxix, il-kontenut finali ta' Vitamina A fil-prodott m'għandux ikun inqas minn 25 µg RE/100 kJ (100 µg RE/100 kcal).

Il-Vitamina A m'għandhiex tiżdied ma' ikel tat-trabi ieħor.

Vitamina D

Il-Vitamina D m'għandhiex tiżdied ma'l-ikel tat-trabi.

6. LIMITI MASSIMI GĦAL VITAMINI, MINERALI U ELEMENTI TA' TRAEĊI, JEKK DAWN JIŻDIEDU

Il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu man-nutrijenti jirreferu għall-prodotti lesti biex jintużaw, mqegħdin fis-suq bħala tali jew rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur, minbarra l-potassju u l-kalċju li fil-każ tagħhom jirreferu għall-prodott kif mibjugħ.

Nutrijent	Massimu għal kull 100 kcal
Vitamina A (µg RE)	180([1])
Vitamina E (mg α-TE)	3
Vitamina C (mg)	12,5/25 (2)
Tiamina (mg)	0,25
Riboflavin (mg)	0,4
Niaċin (mg NE)	4,5
Vitamin B6 (mg)	0,35
Aċidu foliku (µg)	50
Vitamin B12 (µg)	0,35
Aċidu Pantoteniku (mg)	1,5
Biotin (µg)	10
Potassju (mg)	160
Kalċju (mg)	80
Magneżju (mg)	40
Ħadid (mg)	3
Żingu (mg)	2
Ram (µg)	40
Jodju (µg)	35
Manganiż (mg)	0,6

(1) Kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' punt 5.

(2) Limitu applikabli għal prodotti fortifikati bil-ħadid.

(3) Limitu applikabli għal ikliet ta' frott biss, meraq u nettari tal-frott u tal-ħaxix.

IT-TIELET SKEDA

KOMPOŻIZZJONI AĊIDU AMINIKA TAL-KASEINA

	g kull 100 g ta' proteina
Arġinina	3.7
Ċistina	0.3
Istidina	2.9
Isolewċina	5.4
Lewċina	9.5
Lisina	8.1
Metionina	2.8
Fenilalanina	5.2
Treonina	4.7
Triptofan	1.6
Tirosina	5.8
Valina	6.7

*RE = l-ekwivalenti *trans* retinol kollha.

IR-RABA' SKEDA

SUSTANZI NUTRITTIVI

1. Vitamini	*Vitamina C*
	L-Aċidu askorbiku
Vitamina A	Sodju L-Askorbat
Retinol	Kal`ju L-Askorbat
Aċetat tar-Retinil	6-Palmitil-L-aċidu askorbiku (palmitat ta' l-askorbil)
Palmitat tar-Retinil	Askorbat tal-potassju
Beta karotin	
	Vitamina K
Vitamina D	Fillokinina (Fitomenadione)
Vitamina D2 (ergokaliferol)	
Vitamina D3 (kolekaliferol)	*Vitamina E*
	D-alfa tokoferol
Vitamina B1	DL-alfa tokoferol
Idroklorur tat-tiamina	Aċetat tad-D-alfa tokoferol
Mononitrat tat-tiamina	Aċetat tad-DL-alfa tokoferol
Vitamina B2	**2. Aċidi amminiċi**
Riboflavine	
Riboflavin-5'-fosfat, sodju	L-arġinina (u idroklorur)
	L-ċistina (u idroklorur)
Niaċina	L-istidina (u idroklorur)
Nikotinamid	L-isolewċina (u idroklorur)
Aċidu nikotiniku	L-lewċina (u idroklorur)
	L-lisina (u idroklorur)
Vitamina B6	L-ċisteina (u idroklorur)
Idroklorur tal-piridoksina	L-metionina
Piridoksina-5-fosfat	L-fenilalanina
Diplamitat tal-piridoksina	L-treonina
	L-triptofan
Aċidu Pantoteniku	L-tirosina
D-pantotenat, kalċju	L-valina
D-pantotenat, sodju	
Dekspantenol	**3. Oħrajn**
Folat	Kolina
Aċidu Foliku	Klorur tal-Kolina
	Ċitrat tal-Kolina
Vitamina B12	Bitartrat tal-Kolina
Ċjanokobalamin	Inositol
Idrossokobalamin	L-Karnitina
	Idroklorur ta' L-Karnitina
Biotin	
D-biotin	

4. Mlieħ ta' minerali u elementi ta' traċi	
Kalċju	*Ram*
Karbonat tal-kalċju	Kumpless tar-ram (ii) u lisina
Klorur tal-kalċju	Karbonat tar-ram (II)
Mlieħ tal-kalċju ta' aċidu ċitriku	Ċitrat tar-ram (II)
Glukonat tal-kalċju	Glukonat tar-ram (II)
Glierofosfat tal-kalċju	Sulfat tar-ram (II)
Lattat tal-kalċju	
Ossidu tal-kalċju	*Żingu*
Idrossidu tal-kalċju	Aċetat taż-żingu
Mlieħ tal-kalċju ta' aċidu ortofosforiku	Ċitrat taż-żingu
	Lattat taż-żingu
Magnesju	Sulfat taż-żingu
Karbonat tal-magnesju	Ossidu taż-żingu
Klorur tal-magnesju	Glukonat taż-żingu
Mlieħ tal-magnesju ta' aċidu ċitriku	
Glukonat tal-magnesju	*Manganiż*
Ossidu tal-magnesju	Karbonat tal-Manganiż
Idrossidu tal-magnesju	Klorur tal-Manganiż
Mlieħ tal-magnesju ta' aċidu ortofosforiku	Ċitrat tal-Manganiż
Sulfat tal-magnesju	Glukonat tal-Manganiż
Lattat tal-magnesju	Sulfat tal-Manganiż
Glierofosfat tal-magnesju	Gliċerofosfat tal-Manganiż
Potassju	*Jodju*
Klorur tal-potassju	Jodur tas-sodju
Mlieħ tal-potassju ta' aċidu ċitriku	Jodur tal-potassju
Glukonat tal-potassju	Jodat tal-potassju
Lattat tal-potassju	Jodat tas-sodju
Gliċerofosfat tal-potassju	
Ħadid	
Ċitrat tal-ħadid (II)	
Ċitrat ta' l-ammonju tal-ħadid (III)	
Glukonat tal-ħadid (II)	
Lattat tal-ħadid (II)	
Sulfat tal-ħadid (II)	
Fumarat tal-ħadid (II)	
Difosfat tal-ħadid (pirofosfat tal-ħadid (III))	
ħadid elementali (karbonil + elettrolitiku + ridott bl-idroġenu)	
Sakkarat tal-ħadid (III)	
Difosfat tal-ħadid tas-sodju	
Karbonat tal-ħadid (II)	

IL-ĦAMES SKEDA

VALURI TA' REFERENZA GĦAL TIKKETTJAR B'TAGHRIF NUTRITTIV GĦAL IKEL INTIŻ GĦAL TRABI U TFAL ŻGĦAR

Nutrijent	Valur ta' Referenza għal Tikkettjar
Vitamina A	(µg) 400
Vitamina D	(µg) 10
Vitamina C	(mg) 25
Tiamina	(mg) 0.5
Riboflavin	(mg) 0.8
Ekwivalenti tan-Niaċina	(mg) 9
Vitamina B6	(mg) 0.7
Folat	(µg) 100
Vitamina B12	(µg) 0.7
Kalċju	(mg) 400
Ħadid	(mg) 6
Żingu	(mg) 4
Jodju	(µg) 70
Selenju	(µg) 10
Ram	(mg) 0.4

IS-SITT SKEDA

LIVELLI MASSIMI TA' RESIDWI SPEĊIFIĊI TA' PESTIĊIDI JEW METABOLITI TA' PESTIĊIDI F'IKEL IPPROĊESSAT B'BAŻI TA' ĊEREJALI U IKEL GĦAT-TRABI

Isem kimiku tas-sustanza	**Livell massimu ta' residwi (mg/kg)**
Cadusafos	0.006
Demeton-S-methyl/demeton-S-methyl Sulfone/oxydemeton-methyl (individwalment jew flimkien, espressi bħala demeton-S-methyl)	0.008
Ethoprophos	0.004
Fipronil (is-somma ta' fipronil u fipronyl-desulfinyl, espressi bħala fipronil)	0.006
Propineb/propylenethiourea (is-somma ta' propineb u propylenethiourea)	

IS-SEBA' SKEDA

PESTIĊIDI LI M'GĦANDHOMX JINTUŻAW FI PRODUZZJONI AGRIKOLA INTIŻA GĦALL-PRODUZZJONI TA' IKEL IPPROĊESSAT B'BAŻI TA' ĊEREJALI U IKEL GĦAL TRABI

Tabella I
Isem kimiku tas-sustanza (definizzjoni tar-residwu)
Disulfoton (somma ta' disulfoton, disulfoton sulfoxide u disulfoton sulfone espressi bħala disulfoton)
Fensulfothion (somma ta' fensulfothion, l-analogu tal-ossiġenu tiegħu u ssulfoni tagħhom, espressi bħala fensulfothion)
Fentin, espressi bħala katijon tat-triphenyltin
Haloxyfop (somma ta' haloxyfop, l-imlieħ tiegħu u esteri inklużi konġugati, espressi bħala haloxyfop)
Heptachlor u trans-heptachlor epoxide, espressi bħala heptachlor
Hexachlorobenzene
Nitrofen
Omethoate
Terbufos (somma ta' terbufos, is-sulfossidu tiegħu u sulfon, espressi bħala terbufos)

Tabella II
Isem kimiku tas-sustanza
Aldrin u dieldrin, espressi bħala dieldrin
Endrin